MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 980/1995/2

**Louis Manduca**

**vs**

**Marie Louise Muscat, Joseph Muscat, Miriam Cremona u zewgha l-Professur Dottor Rene` Cremona, Anthony dei Conti Manduca u martu Marie Louise dei Conti Manduca, Lillian Borg Olivier, David dei Conti Manduca, Marguerite dei Conti Manduca,Joseph u martu Lily dei Conti Manduca, Therese Calleja u zewgha Charles Calleja, Jean u martu Maria dei Conti Manduca, Raymond u martu Anna dei Conti Manduca,**

**Joseph u martu Helen Leone Ganado, Ovidio u martu Angele Vella, Bernard u martu Simone dei Conti Manduca, Raymond Camilleri u Yvonne Cachia bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Yveto Company Limited, Alfred Briffa u Miriam Briffa bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' B & D Company Limited, Gino u martu Sylvia Trapani Galea Feriol bhala Diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza ta' San Marciano Limited, Carmena dei Conti Manduca, Annie dei Conti Manduca mart il-mejjet Anthony dei Conti Manduca u b'digriet tas-26 t'Ottubru 1995, il-Qorti nnominat lill-Avukat Joselle Farrugia u lill-prokuratur legali Paul Saliba bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-imsiefrin David u martu Marlene Farley Hills, Frank Gordon Kitson u martu Maria Angela Kitson, Norman u martu Miriam Semini, Bill u martu Rose Arnold, u b'digriet tal-27 ta' Frar, 1997, stante il-mewt tal-konvenuta Marie Louise Muscat il-gudizzju gie trasfuz in kwantu jirrigwardja l-imsemmija konvenuta Marie Louise Muscat fil-persuni ta' Joseph Muscat Manduca, u Miriam mart il-Professur Rene` Cremona u Marlene mart il-Professur David Farley Hills, u b'digriet tal-18 ta' Dicembru, 1997, l-Avukat Dr Christopher Cilia issostitwixxa lill-Avukat Joselle Farrugia bhala kuratur deputat u b'digriet tat-13 ta' Jannar, 1998, stante il-mewt tal-konvenut Anthony Dei Conti Manduca, l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem uliedu Michael Manduca, Monica Manduca, Lorraine mart Anthony Schembri u Julie mart David Clifford u stante il-mewt ta' Lilian Borg Olivier, l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem hutha cioe` l-attur odjern Louis Manduca, Miriam Semini u Rose Arnold, u in-neputijiet taghha Michael Manduca, Lorraine mart Anthony Schembri u Julie mart David Clifford, u stante li Anthony dei Conti Manduca gia` mejjet meta giet ipprezentata din il-kawza, il-Qorti ordnat b'digriet tat-23 ta' Frar, 1998, li l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem id-Dar tal-Providenza kif rpprezentata minn Joseph Aquilina, u b'digrieti tal-10 ta' Lulju, 1998, u tal-24 ta' Lulju, 1998, rispettivament Maria**

**Angela Kitson u Frank Gordon Kitson assumew l-atti tal-kawza f'isimhom flok il-Kuraturi Deputati, u b'digriet tal-11 ta' Dicembru, 2003, stante il-mewt tal-konvenuta Marija Angela Kitson, l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Michael Kitson Attard Montalto, Susan Lee, Philip Kitson Attard Montalto u Frank Gordon Kitson li ghalihom qed tidher Marija Rosaria Pisani, u b'nota tat-22 ta' Dicembru, 2005, Miriam Cremona assumiet l-atti tal-kawza wara il-mewt ta' zewgha l-Professur Rene` Cremona**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata l-20 ta' Lulju, 1995, li permezz taghha l-attur sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi b'testment datat id-9 ta' Gunju, 1853, *in atti* tan-Nutar Tommaso Sciortino, Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia, kif awtorizzat b'testment ta' huh Giuseppe dei Conti Manduca datat id-29 ta' Novembru, 1833, *in atti* tan-Nutar Giuseppe Metropolis, impona fedekommess fuq l-eredità tal-proprjetà u beni kollha li wiret Antonio dei Conti Manduca mill-eredità tal-fuq imsemmi Giuseppe missieru sar-rabà generazzjoni inkluz, b'tali mod li la l-imsemmi Antonio dei Conti Manduca, it-tfal u d-dixxendenti tieghu sar-rabà grad, ma setghu ghal ebda raguni, ibieghu, jipotekaw, jew b'xi mod iehor jittrasferixxu favur persuni ohra l-beni kollha liberi bi kwalsiasi titolu li wiret l-imsemmi Antonio mill-eredità ta' l-imsemmi Giuseppe missieru;

1.2 Illi l-imsemmi Antonio kellu jgawdi dawn il-beni kollha matul hajtu u wara mewtu dawn kellhom jintirtu bl-istess irbit u fedekommess mit-tfal u dixxendenti tieghu sal-imsemmija rabà generazzjoni;

1.3 Illi l-beni kollha t'Antonio fuq indikat marbutin bil-fedekommess, ghaddew lil-iben l-kbir Salvatore u l-istess proprjetà sussegwentement ghaddiet ghand ibnu il-kbir Antonio;

1.4 Illi permezz ta' testament datat iz-19 ta' Gunju, 1950, *in atti* tan-Nutar Edwardo Calleja Schembri, l-imsemmi Antonio dei Conti Manduca istitwixxa, bhala eredi ta' nofs il-proprjetà li kien wiret minn missieru l-imsemmi Salvatore, lit-tfal tieghu f'ishma indaqs – inkluz lit-tifel il-kbir tieghu Salvatore – filwaqt li wara mewtu n-nofs l-iehor tal-proprjetà li kien wiret minn missieru Salvatore iben Antonio u li kienet marbuta fil-fedekommess fuq imsemmi ghaddiet lill-istess Salvatore iben Antonio skont il-ligi l-gdida dwar il-fedekommess, illum il-Kap 130 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5 Illi l-attur kien il-bniedem li bl-Att dwar il-Helsien mill-Vinkolu ta' gid marbut b'Fedekommess kien imissu jidhol fid-dgawdija tal-gid immobbli marbut b'dak il-fedekommess mill-jum tal-mewt tal-possessur ta' dak il-gid wara l-mewt ta' missieru Salvatore fl-10 ta' Novembru, 1967;

1.6 Illi l-konvenuti u zwieghom, kollha qraba tal-attur, m'ghandhom l-ebda dritt jirtu, jippossjedu jew jiddisponu mill-proprjetà marbuta bil-fedekommess, minkejja xi pretensjonijiet taghhom, ghaliex hu l-attur li hu biss intitolat ghal dan;

1.7 Illi l-konvenuti jew min minnhom amministraw u abbuzivament u illegalment iddisponew minn xi proprjetà marbuta bil-fedekommess fuq imsemmi u b'hekk ikkagunaw danni lill-attur;

1.8 Illi l-konvenuti jew min minnhom qeghdin bi frodi ghad-drittijiet ta' l-attur ifixklu lill-attur mid-dgawdija tal-proprjetà immobbli marbuta b'dak il-fedekommess li ghalieh l-attur hu intitolat u b'hekk qed jikkagunawlu danni bi pregudizzju ghad-drittijiet kollha tieghu;

1.9 Illi ghalhekk l-attur adixxa din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur hu l-persuna li bl-att tat-twaqqif tal-fedekommess fuq riferit istitwit minn Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia hu l-proprjetarju u hu intitolat igawdi l-proprjetà immobiljari marbuta b'dan il-fedekommess li jikkonsisti wkoll f'nofs l-eredità ta' missieru Salvatore;

1.9.2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-attur hu wkoll eredi ta' kwint (1/5) tan-nofs l-iehor tal-eredità rimanenti ta' missieru Salvatore;

1.9.3. Tordna lill-konvenuti kollha jew min minnhom jghaddu d-dgawdija tal-proprjetà immobbli kollha marbuta bil-fedekommess d*e quo* lill-attur li hu intitolat igawdi l-istess b'titolu ta' proprjetà;

1.9.4. Tiddeciedi u tiddikjara lill-konvenuti kollha jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha ikkagunati minnhom minhabba l-agir negligenti, abbuziv, illegali u frawdolenti taghhom;

1.9.5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess citazzjoni fuq indikata, (ara foll 3);

3.0 Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-7 ta' Frar, 1996, li permezz taghha l-konvenuti Marie Louise Muscat u Joseph Muscat sintetikament eccepew is-segwenti (ara foll16):

3.1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni in dizamina hi nulla stante:

3.1.1. Il-lista tax-xhieda annessa mad-dikjarazzjoni mhix skont il-ligi stante li din tirrikjedi li ma' kull xhud ikun dikjarat xi prova jkun bi hsiebu jaghmel l-attur;

3.1.2. Ic-citazzjoni in dizamina ma tispecifikax kontra kull konvenut xi proprjetà "amministra u abbuzivament u illegalment iddispona" ghad-dannu tal-attur;

3.2. Illi t-talba principali hi preskritta bi preskrizzjoni t'gheluq t'aktar minn tletin (30) sena mill-mewt t'Antonio dei Conti Manduca li miet fil-11 t'Awwissu, 1960;

3.3. Illi rigward it-talba ghall-hlas ta' danni, din hi wkoll preskritta a tenur tal-artiklu 2153 jew 2156 (f) tal-Kodici Civili;

3.4. Illi fil-mertu l-pretensjoni attrici mhix fondata *stante* li l-fedekommess in dizamina ma kienx indivizibbli fis-sens ta' l-artiklu 3 (a) tal-Att XII ta' l-1950 izda kien wiehed divizibbli;

3.5. Illi *di fatti*, b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Giuseppe dei Conti Manduca vs Joseph Salvatore Manduca et datata l-5 ta' Novembru, 1938, l-istess fedekommess kien gie derogat biex l-*Air Ministry* setgha jakkwista liberu u frank, l-artijiet f'Ta Vnezja u r-rikavat kien gie depozitat f'isem tlett persuni biss senjatament Giuseppe, Antonio u Alfredo – ulied Salvatore u Carolina Attard Montalto – biex iservu ghall-akkwist ta' proprjetà immobbli ohra li kellha tkun surrogata fil-fedekommess in kwistjoni minflok il-fond li minn fuqu tnehha l-fedekommess;

3.6. Illi ghalhekk mal-hrug tal-Att XII tal-1950 l-istess fedekommess gie abbrogat;

3.7. Illi bhala konsegwenza tal-abbrogazzjoni riferita fil-paragrafu precedent il-flus depozitati l-bank gew zbankati mill-imsemmija tlett ahwa, (ara paragrafu numru tlieta punt hamsa, (3.5.), aktar qabel);

3.8. Illi *di più*, l-immobbli li sa dakinhar kienu fedekommessati saru tal-persuna li kienet tippossedihom "hielsa minn kull xkiel" – salv naturalment il-pizijiet li setgha kellhom bhal ipoteki u djun, jekk kellhom;

3.9. Illi kull dritt li setà jakkampa l-attur taht l-imsemmija sentenza tal-5 ta' Novembru, 1938, hu preskritt;

3.10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess nota tal-eccezzjonijiet fuq riferita, (ara foll 18);

5.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata wkoll is-7 ta' Frar, 1996, li permezz taghha l-konvenuti Miriam Cremona u zewgha l-kompjant Professur Dottor Renè Cremona essenzjalment issottomettew l-istess eccezzjonijiet, indikati aktar qabel li ghalhekk a skans ta' dilungar inutili qed jittiehdu bhala formanti, parti wkoll minn din is-sezzjoni, (ara foll 20), bl-eccezzjoni segwenti:

5.1. Illi l-kompjant Professur Dottor Renè Cremona m'ghandux x'jaqsam fil-vertenza odjerna, mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa mall-istess nota tal-eccezzjonijiet , (ara foll 22);

7.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Frar, 1996, (ara foll 30), li permezz taghha, il-konvenuti hemm indikati sintetikament eccepew is-segwenti:

7.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati *stante* li l-gudizzju mhux integru peress li Anthony miet fil-mori tal-kawza fit-28 ta' Novembru, 1995;

7.2. Illi ghalhekk l-atti tal-kawza jridu jigu trasfuzi f'isem uliedu, (ara foll 30);

7.3. Illi fil-mori tal-gudizzju mietet ukoll Lilian Borg Olivier minghajr ulied u ghalhekk l-eredità iddevolviet fuq hutha, (ara foll 30);

7.4. Illi Anthony dei Conti Manduca li miet xi snin qabel halla bhala eredi tieghu lid-Dar tal-Providenza u bhala uzufruttwarja lil martu, (ara foll 30), kif ukoll sottolineat fil-verbal tas-16 ta' Jannar, 1997, (ara foll 60), biex b'hekk il-gudizzju mhux integru peress li jridu jigu kjamati in kawza l-eredi tal-imsemmi Anthony u anke l-Ufficcju Kongunt, (ara foll 30);

7.5. Illi t-talbiet attrici huma wkoll infondati stante li bl-Att XII tal-1950, illum il-Kap 130 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fedekommess fuq riferit gie terminat *a tenur* tal-artiklu 3 tal-istess Att;

7.6. Illi meta l-imsemmi Att indikat fil-paragrafu precedenti dahal fis-sehh fl-1950 it-titolari tal-fedekommess in dizamina kien Antonio dei Conti Manduca li miet fil-11 t'Awwissu, 1960 u l-wirt tieghu ddevolva fuq uliedu, (ara foll 31);

7.7. Illi permezz tal-istess Att indikat aktar qabel, in-nuda proprjetà fedekommissarja ddevolviet favur missier l-attur Salvino, li bil-mewt tieghu fl-10 ta' Novembru, 1967, l-eredità tieghu ddevolviet *ex lege* fuq uliedu kollha, (ara foll 31);

7.8. Illi kontrarjament ghal dak li jsostni l-attur, il-possessur tal-fedekommess fl-1950, kien Antonio dei Conti Manduca biex bl-Att XII tal-1950 il-fedekommess in dizamina spicca bil-

mewt ta' ibnu Salvatore u ghalhekk, l-attur m'ghandu l-ebda pretensjoni ghal xi drittijiet fir-rigward;

7.9. Illi l-fedekommess in dizamina spicca bil-mewt t'Antonio dei Conti Manduca fil-11 t'Awwissu, 1960;

7.10. Illi l-konvenuti in dizamina jippossjedu il-proprjetà taghhom *"animo domini"* mill-wirt tal-genituri taghhom u l-attur m'ghandu l-ebda drittijiet fir-rigward;

7.11. Illi l-konvenuti ghalhekk ma kkagunaw l-ebda danni lill-attur anzi kien hu li bil-pettegolezzi tieghu, kkaguna danni lill-konvenuti;

7.12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

8. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet hawn indirizzata, (ara foll 31);

9.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Frar, 1996, li permezz taghha l-konvenuta Carmela dei Conti Manduca sintetikament eccepiet is-segwenti:

9.1. Illi l-azzjoni attrici hi bla bazi fil-fatt u fid-dritt;

9.2. Illi l-atti applikabbli ghall-kaz ma jwasslux ghall-konkluzjonijiet pretizi mill-attur;

9.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

10. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma’ l-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 35);

11.0. Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet datata l-14 ta’ Frar, 1996, li permezz taghha l-konvenuti Alfred Briffa u Miriam Briffa *nomine* u ta’ Yvonne Cachia *nomine* sintetikament u a skans ta’ repetizzjoni inutili u dilungar inutili ssollevaw l-istess eccezzjonijiet precedentement sollevati mill-konvenuti Marie Louise Muscat u Joseph Muscat, (ara foll 37 u 16), salv ghas-segwenti:

11.1. Illi l-konvenuti Alfred u Miriam Briffa gew imharrkin hazin stante li l-kumpanija taghhom giet indikata hazin, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

11.2. Illi s-socjetà Yveto Company giet imharka hazin u ghalhekk ghandha wkoll tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

12. Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma’ l-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet, (ara foll 40);

13.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati hemm indikati datata s-27 ta’ Novembru, 1996, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

13.1. Illi m’humiex edotti mill-fatti;

13.2. Illi jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri;

14. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess nota, (ara foll 56);

15.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Jannar, 1998, li permezz taghha il-konvenut Joseph Aquilina nomine eccepixxa sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi id-Dar tal-Providenza ma tidhirx li hi parti mill-kawza;

15.2. Illi mill-bqija jassocja ruhhu ma' l-eccezzjonijiet l-ohra intavolati specjalment ma' dik tal-kompjant Professur Dottor Renè Cremona, (ara foll 20), u tal-konvenuti Marie Louise dei Conti Manduca et, (ara foll 30);

16. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' l-istess nota ta' Joseph Aquilina *nomine*, (ara foll 80);

17.0. Rat in-noti tal-eccezzjonijiet rispettivament datati s-27 ta' Lulju, 1998, u t-3 t'Awwissu, 1998, li permezz taghhom Maria Angela Kitson u Frank Gordon Kitson sintetikament eccepew:

17.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati;

17.2. Salv eccezzjonijiet ohra;

18. Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-istess eccipjenti annessi mal-istess noti, (ara foll 92 u 97 rispettivament);

19. Rat id-digriet taghha datat it-3 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali ta' l-atturi, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kawza bil-modalità u fit-termini hemm indikati, (ara foll 614);

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata s-16 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 615);

21. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet datata l-25 ta' Marzu, 2014, (ara foll 689 u foll 692);

22. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Miriam Cremona, datata t-28 ta' Marzu, 2014, (ara foll 693);

23. Rat in-nota risponsiva datata l-1 t'April, 2014, (ara foll 707);

24. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti ghalkemm ghandu jigi sottolineat li xi uhud minnhom huma illegibbli;

25. Semghet ix-xhieda prodotta;

26. Ezaminat ix-xhieda precedentement mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

27. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

28. Illi l-procedura odjerna sintetikament tirrigwarda fedekommess istitwit minn Vincenzo Manduca Piscopa Macedonia permezz tat-testment tieghu datat id-9 ta' Gunju, 1853, *in atti* tan-Nutar Tommaso Sciortino, (ara foll 240);

29.0. Illi jigi immedjatament sottolineat li l-fotokopja *in atti* tal-istess testment indikat fil-paragrafu precedenti ma tantx tirrizulta legibbli, (ara foll 240 *et sequitur*), izda l-ebda passi m'huma qed jittiehdu fir-rigward:

29.1. Kemm minhabba l-fatt li l-partijiet kollha strahu fuqha u ssuperaw kwalunkwe *lacuna* insita fl-istess;

29.2. Kif ukoll minhabba t-trapass ezagerat ta' zmien riskontrat f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

30. Illi ghalhekk *si tratta* ta' fedekommess istitwit fl-**1853**, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel, li l-awtur

tieghu kien debitament awtorizzat jirredigieh b’testment appozitu tal-1833, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel ukoll);

31. Illi sintetikament jirrizulta li konsegwenza ta’ l-istess, il-proprjetà u l-beni kollha li wiret Antonio dei Conti Manduca mill-eredità ta’ missieru Giuseppe, giet kolpita bil-fedekommess hekk impost, u dan, sar-rabà (4), generazzjoni inkluza;

32. Illi konsegwenza tal-istess la l-imsemmi Antonio dei Conti Manduca u lanqas it-tfal u d-dixxendenti tieghu sal-fuq imsemmija rabà (4) generazzjoni, ma’ setghu ghal ebda raguni ibieghu, jipotekaw, jew b’xi mod iehor jittrasferixxu favur terzi il-beni involuti liberi jew bi kwalsiasi titolu;

33. Illi ghalhekk l-effett ahhari tal-fedekommess fuq sintetikament indirizzat kien li l-beni involuti li l-imsemmi Antonio wiret minghand missieru Giuseppe, kellhom sussegwentement jintirtu mill-werrieta ta’ l-istess Antonio hawn riferit bl-istess vinkoli fedekommissari hekk allura imposti kif fuq inghad;

34. Illi dan l-istess vinkolu fedekommessari kellu jibqà in vigore sar-rabà generazzjoni mill-istituzzjoni tieghu fuq indikata;

35.0. Illi jirrizulta pacifiku bejn il-kontendenti li l-proprjetà hekk vinkolata li kien originarjament wiret l-imsemmi Antonio minn missieru Giuseppe ghaddiet b’wirt bil-mod segwenti:

35.1. Ghand ibnu l-kbir Salvatore;

35.2. Sussegwentement ghand iben il-kbir ta’ dan Salvatore li kien jismu Antonio;

35.3. Illi wara l-istess wirt hekk vinkolat ghadda ghand iben il-kbir ta’ Antonio indikat fil-paragrafu precedenti, li kien jismu Salvatore;

35.4. Illi eventwalment il-fedekommess *de quo* intiret minn Louis Manduca;

35.5. Illi finalment, fil-prezent l-istess intiret minn Dottor Malcolm Pace (ara elenku tal-wirt involut a foll 699);

36. Illi tenut kont tal-passagg ereditizju fuq sintetikament delineat ghandu jkun pacifiku, kif *del resto* anke sostenut mill-konvenuta Miriam Cremona, (ara foll 612), illi l-fedekommess in dizamina abbundantement issupera r-rabà (4) grad fuqu impost u issa anke dahal fis-sitt (6) generazzjoni tal-familja involuta;

37. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici tirrizulta difetuza stante li l-generazzjoni ereditarja prezenti ssuperat il-grad vinkolanti rizervat fit-testment in dizamina promotur u ghalhekk il-generazzjoni prezenti involuta m’ghadiex aktar hekk vinkolata;

Ikkunsidrat:

38. Illi nonostante tal-istampa ereditarja fuq rivelata ghandu jinghad li l-istitut tal-fedekommess gie abbrogat bl-Att Numru XII tal-1950, illum Kap 130 tal-Ligijiet ta' Malta;

39. Illi kif jirrizulta mill-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti, din il-ligi abrogatorja giet fis-sehh fil-5 ta' Mejju, 1950;

40. Illi l-artiklu 3 tal-Kap 130 hawn riferit jistabbilixxi is-segwenti:

> "Mill-jum li jghodd, il-fedekommessi kollha ta' kull xorta fuq mobbli u immobbli, imwaqqfin kien meta kien, sew jekk huma ghal dejjem jew ghal xi zmien, jithassru, u l-gid sa dakinhar marbut bihom isir tal-possessur ta' dak il-gid mobbli u immobbli, hieles minn kull xkiel izda b'dawk il-pizijiet, ipoteki awtorizzati u djun li kienu jolqtu l-gid imxekkel".

41. Illi kif indikat mill-istess titolu tal-Att in dizamina l-iskop tal-att *de quo* jirrizulta li hu li jehles lill-proprjetà precedentement vinkolata bl-imposizzjoni ta' dan l-istitut fewdali minn kull vinkolu fuq l-istess biex b'hekk jillibera lill-possessur involut u jirrendilu d-dritt li jiddisponi mill-istess bl-akbar libertà;

42. Illi l-iskop tal-istess istitut jirrizulta li hu jikkonserva l-beni involuti fit-trapass temporaneu taghhom minn generazzjoni ghall-ohra fi hdan il-familja li tkun involuta;

43. Illi ghandu jkun pacifiku li l-importanza hawn moghtija lill-unità tal-proprjetà fid-dimensjoni temporali imposta tikxef l-gheruq fewdali tal-istess istitut li fl-1950 Malta ghazlet, bl-introduzzjoni tal-Att XII tal-istess sena, li t'abbanduna tali gheruq u teradikhom mill-ligi

kontemporanea, ghalkemm, jirrizulta li ghamlet dan biss in parte, stante li f'dan ir-rigward ghad jonqos aktar x'isir;

Ikkunsidrat:

44. Illi kif irriteniet il-Qorti ta' l-Apelli Civili fil-kawza fl-ismijiet **Frances Mary Chesney Sciberras D'Amico vs Edgar Cuschieri et, datata l-10 ta' Gunju, 1957, (Volum XLI. I. 395):**

> "Illi l-Att numru XII tal-1950 gie introdott, skond it-Titolu tieghu sabiex "jahseb ghall-helsien tal-gid marbut b'fedekommess", ... l-artiklu 3 jikkontempla t-thassir tal-fedekommessi kollha ta' kull xorta...";

45. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-Att in dizamina hu ekwivalenti ghall-linja ta' demarkazzjoni stretta fejn mill-5 ta' Mejju, 1950, dan l-istitut ma baqax aktar protett mill-ordinament guridiku Malti u gie konsenjat lill-istorja, tenut kont ukoll tal-fatt li f'dan il-kamp partikolari "huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-fewdi huma regolati mid-disposizzjonijiet tal-investitura, u li f'materja fewdali "il nostro diritto va regolato da quello del Regno delle Due Sicilie", (ibid p. 395);

46. Illi ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, l-azzjoni attrici tirrizulta difettuza billi lanqas jirrizulta li ghandha l-bazi statutorja minnha reklamata;

Ikkunsidrat:

47. Illi finalment ghandha issa tigi indirizzata l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjoni trentennali naxxenti mill-artiklu 2143 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

48. Illi l-artiklu citat fil-paragrafu precedenti jistabilixxi s-segwenti:

> "L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tistà ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi";

49.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

49.1. Illi l-ahhar eredi involut fl-erbgha generazzjonijiet tal-familja in dizamina vinkolat bil-fedekommess in dizamina jirrizulta li kien Antonio dei Conti Manduca;

49.2. Illi dan Antonio identifikat fil-paragrafu precedenti miet fil-11 t'Awwissu, 1960, (ara foll 261);

49.3. Illi l-procedura odjerna giet istitwita fl-20 ta' Lulju, 1995, (ara foll 1);

49.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-perjodu statutorjament stabbilit fl-artiklu 2143 tal-Kap in dizamina fuq riferit gie abbundantement issuperat;

49.5. Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni odjerna hu wkoll preskritta;

Ikkunsidrat:

50. Illi jirrizulta wkoll li l-kontenzjoni odjerna kellha diversi rami ohra fejn il-qorti lokali già kellhom l-okkazzjoni jghidu taghhom fir-rigward, u dan mhux biss mill-aspetti civili (ara foll 352 *et sequitur*, 386 *et sequitur*, 396 *et sequitur*, 434 *et sequitur* u 437 *et sequitur*), izda anke mill-aspetti kostituzzjonali tal-istess, (ara foll 289 *et sequitur*);

51. Illi in vista tal-istess pendenzi gudizzjarji li ilhom is-snin twal in kontestazzjoni, u decizi minn dawn il-qrati, u ghalhekk taht l-osservanza akuta taghhom, din il-qorti ma jirrizultaliex li kien hemm xi amministrazzjoni abbuziva jew xi aljenazzjoni illegali min-naha tal-konvenuti ta’ xi proprjetà involuta fil-fedekommess odjern;

52. Illi ghalhekk l-allegati danni sofferti mill-atturi, anke bi frodi kif minnhom ukoll allegat, ma jirrizultawx debitament ipprovati;

Ikkunsidrat:

53.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ma ipprovawx it-talbiet minnhom hawn intavolati u konsegwentement:

**DECIDE:**

53.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tal-konvenuti kif fuq elenkati;

53.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-atturi;

53.3. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------